**14 ta' Diċembru, 1959**
**Imħallef:—**
**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., C. St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Maria Azzopardi
*versus*
Lewis Zammit

**Periti Addizzjonali — Appell — Art. 674 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Mhix fondata, fl-assolutezza tagħha, il-ġeneralizzazzjoni illi l-poter tal-Qorti li tinnomina periti addizzjonali, jew li tirrigwarda l-ordinament tal-provi, hu mħolli fid-diskrezzjoni*

*illimitata tal-Qorti tal-Ewwel Grad, u li dan il-poter huwa nsindakabbli mill-Qorti tal-Appell.*

*Il-verità hi sempliċement illi n-nomina ta' periti addizzjonali mhix obligatorja għall-Qorti li quddiemha tkun il-kawża, iżda hi biss fakoltattiva fil-każijiet permessi mill-liġi; iżda dan ma jfisserx illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija insindakabbli fl-appell; u l-unika regola li legalment u loġikament tista' tiġi stabbilita hi sempliċement din: illi fil-każ ta' ċaħda ta' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, bħal fil-każ ta' kwalunkwe deċiżjoni oħra tal-Ewwel Qorti mħollija mill-liġi fil-fakoltà u prudenza tagħha, il-Qorti tal-Appell, fuq appell minn dik id-deċiżjoni, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni wżata mill-Ewwel Qorti ħlief għal raġuni serja, meta jidher li dik id-diskrezzjoni ma ġietx użata sewwa, jew ġie arrekat preġudizzju lill-parti li talbitha.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi, wara li ppremettiet li l-partijiet jippossjedu, kwantu għal ¾ l-instanti u kwantu għal ¼ il-konvenut, l-utili dominju perpetwu tad-dar il-Qrendi, Curate Mizzi Street numru 5, suġġetta għaċ-ċens ta' 17s.8d. fis-sena, u libera u franka minn kwalunkwe dritt ieħor; u li l-imsemmija dar mhijiex komodament diviżibbli u mingħajr diskapitu; talbet li jiġi ordnat il-bejgħ in liċitazzjoni tal-imsemmija dar;

*Omissis;*

Rat ir-relazzjoni ta' dak il-perit preżentata fit-12 ta' April 1959, u minnu maħlufa fit-8 ta' Mejju 1959;

Rat in-nota tal-attriċi tat-8 ta' Mejju 1959, li biha, billi ħasset ruħha aggravata mill-konklużjonijiet kontenuti fl-imsemmija relazzjoni peritali, talbet in-nomina ta' periti perizjori;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Ottubru 1959, li bih din it-talba tal-attriċi ġiet miċħuda, bl-ispejjeż kon-

tra tagħha, u l-kawża ġiet differita biex titkompla skond il-liġi; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Illi l-attriċi tħoss ruħha aggravata mill-konklużjoni*jiet peritali (a) għaliex il-perit assenja lill-konvenut parti mil-fond akbar minn dik li għandu, (b) għaliex il-fond, biex jinqasam, jirrikjedi diversi xogħolijiet u spejjeż, (ċ) għaliex id-diviżjoni mhijiex fattibbli mingħajr ħsara, minħabba li l-valur tal-fond kif segregat ikun anqas minn dak tal-fond jekk jinbiegħ fl-interezza tiegħu, (d) u għaliex il-fond f'każ ta' diviżjoni ma jkunx suxxettibbli ta' miljorament u ta' żvilupp ekonomiku;

Illi l-ewwel aggravju mhux legalment sostenibbli; għaliex, biex issir id-diviżjoni in natura, il-liġi ma tirrikjedix li l-porzjonijiet ikunu perfettament ugwali (v. Baudry, Vendita paragrafu 730), u tipprovdi għalhekk għal kull possibbli differenza (art. 538 u 542 Kod. Ċiv.); u fil-każ tagħna l-ekwiparazzjoni mhix eċċessiva;

Illi lanqas huwa sostenibbli t-tieni aggravju; għaliex ma jidherx li d-diviżjoni proposta mill-perit sejra tkun ta' preġudizzju serju lil ebda waħda mil-kondividenti; ix-xogħolijiet u l-ispiża għas-segregazzjoni ma jistgħux, fiċ-ċirkustanzi, jitqiesu bħala gravużi;

*Illi dwar it-tielet aggravju l-Qorti tosserva illi, skond* il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna, bażata fuq id-dottrina, biex ikun hemm diskapitu fid-diviżjoni materjali, jeħtieġ illi d-deprezzament fil-valur ekonomiku tal-fond ikun notevoli (Kollez. XXIX-II-1030; XXXIII-I-329; u Baudry, Vendita, paragrafu 730); liema deprezzament, fil-fehma tal-Qorti, ma jidherx li jkun hemm;

Illi lanqas huwa aċċettabbli l-aħħar aggravju, billi, skond il-perit, il-porzjoni tal-attur sejra tinkludi ukoll l-arja fuq il-fond kollu (barra l-bejt C2 indikat fil-pjanta fol. 57), u għalhekk tista' tiġi żviluppata estensivament;

Illi mbgħad, hija regola fondamentali fil-liġi illi, biex wieħed joħroġ mil-komunjoni, għandha ssir id-diviżjoni in natura, u li r-rimedju tal-liċitazzjoni huwa straordinarju,

u wieħed għandu jirrikorri għalieh meta ma hemmx dissens bejn il-partijiet, jew meta ma hemmx xi persuna inkapaċi, u fil-każi eċċezzjonali stabbiliti mill-liġi (Kollez. XXXIII-I-329) — konklużjonijiet dawn li "rebus sic stantibus" ma jidherx li jirrikorru. Di pjù, il-konvenut, "ex admissis", qiegħed jokkupa l-fond, u ntenzjonat jibqa' jabita fil-kumditajiet lilu assenjati mil-perit, u li għalieh huma suffiċjenti (fol. 22);

Illi skond l-art. 674 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, innomina ta' periti addizzjonali hija sempliċement fakoltattiva għall-Qorti; u għalhekk dan ir-rimedju, indubbjament dispendjuż, għandu jingħata biss f'dawk il-każi illi skond iċ-ċirkustanzi partikulari jidher għall-kollox indispensabbli (Kollez. XXI-II-277) — ċirkustanzi li fil-fehma tal-Qorti, għar-raġunijiet fuq miġjuba, ma jirrikorrux;

Rat ir-rikors li bih l-attriċi appellat minn dak iddigriet, u talbet li jiġi revokat, u li t-talba tagħha għannomina ta' periti addizzjonali tiġi akkolta; bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kontra l-appell tal-attriċi l-konvenut issottometta, fl-ewwel paragrafu tan-nota tiegħu fol. 37, illi "skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati lokali, il-poter li tinnomina periti addizzjonali jew li jirrigwarda l-ordinament tal-provi huwa mħolli fid-diskrezzjoni illimitata tal-Ewwel Qorti, u dan il-poter huwa insindakabbli minn din il-Qorti tal-Appell";

Eżami akkurat u komprensiv tal-ġurisprudenza lokali ma jurix illi dik il-ġeneralizzazzjoni, fl-assolutezza tagħha, hi fondata;

Huwa veru illi fil-kawża "Formosa vs Axiaq" (Vol. XXIX-I-384) din il-Qorti qalet illi l-poter tal-Ewwel Qorti tinnominax jew le periti addizzjonali huwa insindakabbli mill-Qorti tal-Appell; iżda din ma għandhiex tiftihem bħala enunċjazzjoni ta' massima ta' applikazzjoni assoluta,

imma għandha tkun relatata mal-fatti ta' dak il-każ partikulari. Infatti f'dik l-istess kawża il-Qorti tal-Appell għamlet hi stess ri-eżami tar-raġunijiet li fuqhom l-Ewwel Qorti kienet waslet għad-deċiżjoni tagħha (li, inċidentalment, kienet għall-ammissjoni, u mhux għaċ-ċaħda, tal-periti addizzjonali), u approvat dawk ir-raġunijiet;

Kieku kollu jingħad b'mod ġeneriku u assolut illi d-deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti fuq in-nomina ta' periti addizzjonali, u in ġenerali fuq l-ammissjoni ta' provi, huwa "a priori" indindakabbli minn din il-Qorti, tiġi tinħoloq kategorija kbira ta' digrieti interlokutorji sostanzjalment inappellabbli, li għaliha ma hemmx bażi fid-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Anzi, l-art. 559(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi illi, meta waħda mill-partijiet titlob li ġġib prova, u din tiġi miċħuda, il-parti għandha d-dritt titlob illi r-riġett ta' dik il-prova jiġi mogħti "b'digriet". Dan ebda skop ieħor ma jidher li jista' jkollu ħlief li jagħti l-opportunità lil dik il-parti li timpunja dak id-digriet per mezz ta' appell;

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti (App. Inf. "Vassallo vs. Dato Brincat" (Vol. XXV-I-1115), id-digriet ta' ċaħda ta' periti addizzjonali, bħala wieħed li mhux kompriż fost id-digrieti espressament dikjarati inappellabbli, "deve rientrare nella regola che assoggetta ad appello tutte le decisioni". U jekk hu appellabbli, ma jistax fl-istess ħin ikun "a priori" insindakabbli;

Il-verità hi sempliċement din. In-nomina ta' periti addizzjonali, għad li tista' tiġi ordnata fuq talba ta' waħda jew oħra mill-partijiet, mhix obligatorja għall-Qorti li jkollha quddiemha l-kawża, iżda hi biss fakoltattiva, fil-każijiet permessi mil-liġi. Kif intqal fis-sentenza Vol. XXI-II-279 "tale nomina di periti in tutti i casi è semplicemente facoltativa, e quindi anche nei casi espressamente permessi ma non comandati dalla legge; a tale dispendioso rimedio si deve ricorrere soltanto laddove le particolari circostanze e le considerazioni tecniche, alle quali il giudice fosse del tutto estraneo, lo consentissero". L-istess ħaġa, bejn wieħed u ieħor, intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti ġa fuq imsemmija, Vol. XXV-I-1115;

Iżda, ħ tgħid illi n-nomina ta' periti addizzjonali hi biss fakoltattiva u mhux obligatorja għall-Ewwel Qorti, hux l-istess ħaġa li tgħid illi d-deċiżjoni ta' dik il-Qorti hija insindakabbli fl-appell. Infatti, fis-sentenza l-aħħar imsemmija din il-Qorti żiedet tgħid:— "Se il provvedimento è lasciato nella facoltà della Corte alla quale viene domandato, l'uso di tale facoltà, come qualunque arbitrio prudenziale o altro criterio della stessa Corte, quando ad essa non è data dalla legge l'ultima parola . . . . rimane soggetto a censura";

Mhux aċċettabbli dak li ssottometta l-konvenut, illi, trattandosi ta' digriet interlokutorju, li skond il-liġi ma jagħmelx ġudikat għall-Ewwel Qorti u jista' jiġi mbiddel minnha għal kawża ġusta (art. 228 K.O.P.C.), ir-rimedju tal-attriċi mhux l-appell lil din il-Qorti, iżda r-rikors tagħha lejn dik l-istess Qorti. "La legge non fa alcuna limitazione di tal genere nel dichiarare appellabili i decreti interlocutori" (Vol. XXVI-I-88);

Lanqas hi aċċettabbli l-pretensjoni tal-konvenut, bħala propożizzjoni legali, illi r-rieżami tat-talba tal-attriċi miċħuda mill-Ewwel Qorti jista' jsir biss minn din il-Qorti wara s-sentenza definittiva fil-meritu, jekk isir appell minnha. L-ewwelnett, dan jimporta restrizzjoni għad-dritt tal-appell, li fil-liġi ma hemmx. "Kull" digriet interlokutorju, ħlief biss dawk li huma espressament esklużi, hu appellabbli lil din il-Qorti, tant qabel kemm wara s-sentenza definittiva. Mbgħad, bħala regola, il-provi, kompriżi l-perizji, isiru quddiem l-Ewwel Qorti, u biss eċċezzjonalment quddiem din il-Qorti. Terġa. fl-ipotesi illi n-nomina ta' periti addizzjonali tirriżulta neċessarja jew utili, kieku ċ-ċaħda tagħha mill-Ewwel Qorti ma setgħetx tiġi rimedjata ħlief wara s-sentenza definittiva u billi jsir appell minnha, l-ispejjeż u t-telf ta' żmien, flok ikunu ġew risparmjati lill-partijiet, jikbru u jsiru agħar;

Għalhekk, l-unika regola li legalment u loġikament tista' tiġi stabbilita hi sempliċement din, ċjoè illi fil-każ ta' ċaħda ta' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, bħal fil-każ ta' kwalunkwe deċiżjoni oħra tal-Ewwel Qorti mħollija mil-liġi fil-fakoltà u l-prudenza tagħha, din il-

Qorti, fuq appell minn dik id-deċiżjoni, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni użata mill-Ewwel Qorti ħlief għal raġuni serja, meta jidhrilha illi dik id-diskrezzjoni ma ġietx użata sewwa. Għal dan tammonta l-formulazzjoni tal-istess regola magħmula fil-kawża "Mifsud vs. Mifsud" (Vol. XXXI-I-128), fis-sens illi l-Qorti tal-Appell ma tindaħalx fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar ir-regolament tal-provi, in-nomina ta' periti u provvedimenti oħra, "ħlief meta jirriżulta li hemm preġudizzju għal xi waħda mill-patijiet". Kif ukoll dik magħmula fil-kawża "Camilleri vs. Sergeant" (Vol. XXXVIII-I-230), fis-sens illi din il-Qorti ma tindaħalx fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, "jekk ma jkunx hemm xi vjolazzjoni tal-liġi u xi preġudizzju għal xi ħadd mill-kontendenti";

Meta dan ikun il-każ, l-appell jirrestitwixxi l-pożizzjoni kif kienet qabel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Fi kliem ieħor, l-effett tal-poter devolut lill-Qorti tal-Appell hu li din tiġi surrogata għall-Ewwel Qorti, "per fare ciò che non ha fatto e avrebbe dovuto fare; il giudice d'appello può dunque riformare la sentenza che ha negato di accordare la seconda perizia se, a differenza del primo, la reputa necessaria per ben giudicare la causa". Dan hu kliem tal-Carrè, li jgħidu biex jikkonfutah għall-finijiet tal-Liġi Franċiża, li kienet differenti minn tagħna; iżda l-Galdi jinvoka għall-interpretazzjoni l-Liġi Taljana, li aktar tixbaħ lil tagħna. Jgħid dan l-awtur:— "Una volta che la sovranità del giudicato (ir-riferenza hi għad-deċiżjoni li tiċħad il-perizja l-ġdida) non è riconosciuta e si assoggetta alla censura di un tribunale superiore, risorgono in tutta la loro forza le determinazioni di diritto che la sapienza dell'autore (Carrè) ha preveduto come un'obbiezione. Che cosa è mai un giudizio di appello se non una convinzione surrogata ad un'altra? Non si verifica egli ogni giorno nei giudicati correzionali di appello che surrogano la seconda convinzione alla prima in ciò che vi ha di più coscienzioso e più libero. Ma la convinzione del primo tribunale deve rendere conto di sè stessa a quello che gli è superiore e svelare a quali fondamenti si attenga, poichè alla fine non è arbitrio, nè volontà; è la conseguenza logica di una data situazione di fatto e di diritto, censurabile come ogni altro discorso che ha dovere

di essere logico e conseguenziale (Comm. del Cod. di Proc. Civ., Vol. IV, § 991, p. 492);

Għalhekk, il-kwistjoni hi kollha jekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, iċ-ċaħda tat-talba tal-attriċi kienetx sewwa u tali li ma arrekatx lilha preġudizzju;

Intqal fil-kawża "Formosa vs. Axiaq", ġa fuq ċitata, illi l-fakoltà mogħtija lill-Qorti fl-art. 674 għandha tiġi eżerċitata koerentement mad-dispożizzjonijiet tal-art. 557, 558 u 559 tal-istess Kodiċi tal-Proċedura, li għandhom iservu ta' gwida lill-ġudikant fuq il-provi li hu għandu jammetti, u li jistabbilixxu li kwalunkwe prova għandha tkun rilevanti għall-kawża, li l-Qorti għandha teżiġi li tiġi magħmula l-aħjar prova li l-parti tkun tista' tagħmel, u l-Qorti għandha tirriġetta l-ammissjoni ta' kwalunkwe prova li jidhrilha li tkun irrilevanti jew superfluwa, jew li tkun taf li l-parti jkollha aħjar minnha;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan hu kriterju tajjeb. Ċertament, il-prova per mezz ta' periti addizzjonali, bħala waħda li tista' ttawwal iż-żmien u tikkaġuna spejjeż, ma għandhiex tiġi abużata, u għandha tiġi miċħuda meta jidher li hi sempliċement vessatorja jew inutili u superfluwa. Iżda minn naħa l-oħra, din hi prova li kull parti, fil-każijiet kongruwi, tista' skond il-liġi titlob, u t-test hu, għalhekk, jekk hix meħtieġa, u l-attriċi ssofrix preġudizzju biċ-ċaħda tagħha;

L-attriċi tosserva illi f'dan l-istadju l-kwistjoni mhix dik tal-meritu jekk għandhiex tiġi ordnata l-liċitazzjoni kif mitlub fiċ-ċitazzjoni jew, inkella, għandhiex il-fond jinqasam "in natura" kif jippretendi l-konvenut. Sa issa, il-kwistjoni hi biss jekk għandhomx jiġu nominati periti oħrajn, appuntu biex dik il-kwistjoni tal-meritu tista' tiġi deċiża sewwa;

L-attriċi tilmenta illi bid-digriet appellat l-Ewwel Qorti sostanzjalment iddeċidiet dik il-kwistjoni tal-meritu, u r-raġunijiet li fuqhom id-deċiżjoni hi bażata huma in gran parti — almenu għal dawk li huma kwistjonijiet tekniċi — fondati fuq il-konklużjonijiet raġġunti mill-perit

ġudizzjali; mentri hu preċiżament għaliex l-attriċi timpunja dawk il-konklużjonijiet bħala teknikament żbaljati li hija talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali. Kieku dawn kellhom jiġu nominati, l-Ewwel Qorti, għad li ċertament tibqa' libera li fl-aħħar tiddeċidi fuq il-konvinzjoni tagħha nnfisha (art. 681 K.O.P.Ċ.), ikollha quddiemha elementi ta' prova aħjar u aktar sodi biex tista' tifforma sewwa l-ġudizzju tagħha. Kwalunkwe perizja, tkompli tgħid l-attriċi, tant dik inizjali, kemm, meta hemm lok għaliha, dik addizzjonali, mhix ħlief mezz ta' prova, "mercè cui le parti sostengono le rispettive loro ragioni prima che su di esse si pronunci il tribunale" (Vol. XXVI-I-359); mentri l-Ewwel Qorti nvertiet dan il-proċess loġiku, u sostanzjalment iddeċidiet il-meritu kollu fil-ħin li mpediet lilha li tagħmel dik il-prova;

Din il-Qorti tħoss li, fil-każ preżenti dan l-ilment hu fondat. Il-kontroversja quddiem il-Qorti hi ta' ċerta entità. L-ewwel perit ma jidherx li ġie suġġerit mill-attriċi jew bi ftehim bejn il-partijiet. Fil-każ ma jidherx li kien hemm xi urġenza speċjali; infatti t-talba saret mill-attriċi stess li istitwiet il-kawża. Jekk in-nomina ta' periti addizzjonali tagħti riżultat sfavorevoli lill-attriċi, ta' dan jista' dejjem jittieħed qies fl-allokament tal-ispejjeż. Fuq kollox, l-inkarigu tal-perit kien jinvolvi l-eżami ta' kwistjonijiet tekniċi (manjiera tal-qasma, stima tal-valur ta' kull parti, spiża neċessarja għall-alterazzjonijiet) li dwarhom il-Qorti ma jistax ikollha prova quddiemha ħlief mill-opinjonijiet espressi mit-tekniċi;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti jidhrilha li l-prova mitluba ma hix la inutili u lanqas superfluwa, anzi espedjenti fl-interess tal-amministrazzjoni sewwa tal-ġustizzja, u l-attriċi jista' jkollha preġudizzju jekk id-deċiżjoni definittiva fuq il-meritu tittieħed mingħajrha;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-attriċi, tirrevoka d-digriet appellat, u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti għan-nomina ta' periti addizzjo-

nali mitluba mill-attriċi, u għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi;

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-konvenut.